MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 663/2001/1

**AX Construction Limited**

**vs**

**Tony Mallia Bonello**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Jannar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u hames lira Maltin (Lm2,500) rapprezentanti danni u penali ghal dewmien ta' xoghol li l-konvenut gie inkarigat jghamel mis-socjeta attrici u liema somma gie inutilment interpellat

sabiex ihallas u dan prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta'.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv u bir-rizerva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa illi:

1 Preliminarjament, l-avviz odjern huwa null u bla effett stante illi lanqas biss jindika z-zmien meta sar ix-xoghol, meritu ta' dan il-kawza;
2 Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-konvenut kien gie inkarigat mis-socjeta attrici sabiex jghamel xoghol ta' gebel biss fil-bini ta' blokk ta' hames sulari fl-Imriehel, waqt li kwalunkwe xoghol iehor bhat-tqeghid ta' planki u xoghol ta' konkrete kien gie fdat lil terzi;
3 Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess in ogni kaz, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u lanqas biss hemm indikazzjoni ta' kif inhadem dan l-ammont. Inoltre fil-ftehim li kienu ghamlu bejniethom il-partijiet ma hemm ebda indikazzjoni ta' hlas ta' penali u ghalhekk l-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed unilaterali u mhux dovut;
4 Kif jidher car mir-rapporti li saru perjodikament bejn il-konvenut u l-perit tieghu min-naha wahda u s-socjeta attrici u l-perit taghha min-naha l-ohra, x-xoghol relattiv ma kienx tardiv kif allegat mis-socjeta attrici. Kull stadju fil-progett gie dokumentat bid-data meta saru l-pagamenti relattivi flimkien mat-talbiet sabiex ix-xoghol in kwistjoni jitkompla;
5 In kwalunkwe kaz jekk kien hemm dewmien kif allegat mis-socjeta attrici, dan ma' huwa bl-ebda mod imputabbli lill-konvenut u dan stante illi kif digia' intqal fil-paragrafu numru (1) hawn fuq imsemmi, l-istess eccipjent kellu jiddependi fuq ix-xoghol ta' terzi persuni qabel ma seta' jkompli xogholu;

6 Inoltre, skond l-iftehim originali bejn il-partijiet hawn permessi, ma kull sular gebel li l-konvenut kellu jlesti s-socjeta attrici kellha thallas 90% ta' l-ammont dovut filwaqt li kellha zzomm il-bqija ta' 10% bhala 'retention'. Nonostante l-obbligu taghha hawn fuq imsemmija fil-klawsola Nru (4), is-socjeta attrici baqghet moruza fil-pagament stante illi ghalkemm interpellata mill-konvenut diversi drabi kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittri registrati mill-konsulent legali tieghu u permezz ta' ftuh ta' kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, baqghet inadempjenti. Ghalhekk huwa car illi b'dan l-agir taghha s-socjeta' attrici kienet malintenzjonata stante illi l-avviz odjern fl-ismijiet fuq permessi gie pprezentat mill-istess bl-iskop li l-pagament finali dovut lill-konvenut, jigi dilatat ulterjorament b'konsegwenza lil-eccipjenti qed isofri danni konsistenti f'telf ta' imghaxijiet fuq l-ammont dovut kif ukoll spejjez ohra li qed jigu inkorsi minnu stess;
7 In vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jgiu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.
8 Salv eccezzjonijiet ohra

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-bazi tat-talba attrici jirrizulta li hu l-kuntratt ta' appalt li kien sar xi zmien qabel l-24 ta' Novembru, 1999, permezz ta' liema l-kumpanija attrici kienet inkarigat il-konvenut sabiex dan jezegwixxi x-xoghol ta' bini kif stipulat fil-pjanti u d-'drawings' annessi ma' l-istess kuntratt u ghal liema xogholijiet il-konvenut kellu jithallas bir-rati ndikati u annessi ma' l-istess kuntratt. Dan il-kuntratt gie esebit a fol. 15 tal-process u mmarkat bhala dokument AJ1.

L-istess kuntratt kien jipprovdi illi x-xogholijiet kellhom jinbdew mill-konvenut fl-24 ta' Novembru, 1999, u kellhom

jigu tterminati fi zmien tlett (3) xhur, ossija qabel l-24 ta' Frar, 2000.

F'dan il-kuntratt ma saret ebda referenza ghal xi penali li kellha tigi mposta f' kaz ta' dewmien u ghalhekk it-talba attrici tirrikjedi provi li jwasslu ghal dewmien ingustifikat da parti tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-appalt u provi li jistabbilixxu illi, minhabba d-dewmien ingustifikat tal-konvenut, il-kumpanija attrici soffriet danni li setghu jigu previsti mill-istess konvenut u liema danni jistghu ukoll jinkludu xi penalijiet illi l-kumpanija attrici setghet giet kostretta thallas minhabba d-dewmien da parti tal-konvenut.

Ghalhekk jispetta l-kumpanija attrici li fl-ewwel lok tipprova illi l-konvenut ma lestiex ix-xogholijiet minnu assunti sal-24 ta' Frar, 2000, u li tali dewmien ma kienx gustifikat tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghalkemm mid-deposjizzjoni ta' Andrew Jaccarini il-'quantity surveyor' impjegat mill-kumpanija attrici jirrizulta illi effettivament il-konvenut ma lestiex ix-xoghol fiz-zmien stipulat izda kien tardiv, ma gie pprecizat imkien iz-zmien li fih effettivament il-konvenut kien ittermina x-xogholijiet.

Jirrizulta pero'mill-affidavit ta' David Camilleri, mpejgat iehor tal-kumpanija attrici, illi, almenu sat-13 ta' April, 2000, il-konvenut kien ghadu ma lestiex il-kostruzzjonijiet lilu fdati minn kollox u ghandu jigi prezunt illi fi ftit tal-jiem wara dawn ix-xogholijiet kienu lesti peress illi l-istess David Camilleri m'ghamel l-ebda 'report' ta' xi 'site visit' illi fih kien ikkummenta fuq in-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' xi parti mix-xoghol f'idejn il-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut, ghalkemm jaccetta illi kien hemm xi perjodu zghir ta' xi dewmien, huwa jsostni illi dan kien esklussivament dovut ghal nuqqasijiet tal-kumpanija attrici illi naqset illi tosserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u li thallas disghin fil-mija (90 %) tal-valur tax-xoghol illi jkun gie esegwit minn zmien ghal zmien, apparti xi granet ohra illi fih il-konvenut ma setghax jezegwixxi xogholijiet

minhabba perkolazzjoni ta’ ilma dovuta ghal cirkostanzi li ma kienux fil-kontroll tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda n-nuqqasijiet ta’ hlas da parti ta’ l-atturi fiz-zmien stipulat ma saret ebda kontestazzjoni mill-kumpanija attrici ta’ din l-allegazzjoni; anzi jirrizulta illi effettivament il-kumpanija attrici kienet naqset li taghmel il-pagamenti dovuti lill-konvenut billi jirrizulta illi bejn il-kontendenti, bil-konvenut bhala attur, kienet pendenti kawza ohra fejn il-konvenut kien qieghed jitlob li jigi mhallas tax-xogholijiet minnu esegwiti f’ammont illi jissupera sew l-ghaxra fil-mija (10%) tal-valur totali ta’ l-appalt.

Il-konvenut ikompli jsostni illi n-nuqqas ta’ dan il-hlas kien wassal ghan-nuqqas tieghu li jhallas l-impjegati tieghu li ghalhekk ma kienux dahlu ghax-xoghol ghall-perjodu taz-zmien sakemm l-istess konvenut kien irrimedja ghal dan in-nuqqas.

Apparti n-nuqqas ta’ prova sodisfacenti da parti ta’ l-atturi dwar dewmien ingustifikat da parti tal-konvenut, jidher illi id-danni illi qieghdin jirriklamaw l-atturi jikkonsistu f’penali ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) kuljum li huma, da parti taghhom, kellhom ihallsu lis-sid tal-progett minhabba d-dewmien taghhom fl-esekuzzjoni tal-kuntratt globali illi huma kellhom mas-sid is-Sur Micallef.

Billi l-atturi qieghdin jitolbu kumpens ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) huma qieghdin isostnu illi d-dewmien tal-konvenut kien ta’ hamsin (50) jum, u ghalhekk tajjeb li wiehed jassumi illi l-konvenut lesta x-xogholijiet tieghu ghall-habta ta’ nofs April, 2000.

Izda jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni tal-Perit Godwin Zammit, prodott mill-istess atturi, illi l-kumpanija attrici tterminat ix-xoghol minnha kkuntrattat mhux f’April, 2000, izda fit-18 ta’ Settembru, 2000, u ghalhekk, irrispettivament mid-dewmien tal-konvenut, jirrizulta illi kien hemm diversi fatturi ohra illi kkontribwew biex wasslu lill-atturi biex ikunu tardivi fix-xoghol.

Ghaldaqstant kien jispetta ukoll li l-kumpanija attrici mhux biss tipprova illi d-dewmien tal-konvenut kien ingustifikat, imma li tipprova ukoll illi tali dewmien, anke jekk ingustifikat, kien fattur determinanti fid-dewmien taghhom biex ilestu l-progett kollu almenu ghall-perjodu ta' hamsin (50) jum.

Mill-provi prodotti mill-atturi pero' ma jirrizulta xejn minn dan, u lanqas ma jirrizulta illi l-konvenut kien gie intimat b'xi ammont ta' penali illi l-kumpanija attrici setghet tkun addebitata f'kaz ta' nuqqas fl-esekuzzjoni da parti tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi talba attrici ma gietx ippruvata soddisfacentement, u ghalkemm tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut billi tiddikjara illi fl-avviz huwa bizzejjed li jkunu ndikati dawk l-elementi li bihom biss il-konvenut ikun jaf il-bazi tat-talba attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u tirrespingi t-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici bl-aggravju li l-ewwel Qorti injorat totalment il-provi u tat sentenza li ma kienetx bilancjata u meqjusa ta' l-aspetti kollha tal-provi prodotti;

Din il-Qorti tibda biex tirregistra dawn l-osservazzjonijiet generali preliminari:-

(1) L-ewwel Qorti, kontrarjament ghal dak pretiz mis-socjeta` appellanti, ma ghamlet ebda deliberazzjoni sommarja tal-provi izda jidher li okkupat ruhha kemm mill-provi prodotti mill-istess socjeta` appellanti kif ukoll mill-ilmenti tal-konvenut. Fil-fatt din il-Qorti ma thossx li ghandha toqghod tirriproduci l-fatti ewlenin tal-kawza billi dawn jidhru li jinsabu sew imtennija fis-sentenza appellata;

(2) Il-kuntratt ta' sub-appalt (fol. 15) sottoskritt mill-partijiet ma jikkontjeni ebda riferenza ghal xi

stipulazzjoni dwar penali, kif hekk invece premess mis-socjeta` appellanti fil-korp ta' l-avviz. Naturalment dan ma jfisserx illi l-penali li s-socjeta` appellanti ntrabtet biha mal-kommittent ma ghandhiex tigi rigwardata fl-ambitu tad-danni, ukoll mitluba mis-socjeta` appellanti;

(3) Jinkombi dejjem pero` fuq is-socjeta` attrici appellanti li tipprova, oltre l-ftehim u l-ksur tieghu, l-ezistenza u l-entita` tad-danni. Dan bhala konsegwenza tal-prova tal-vjolazzjoni tal-patt kontrattwali, trattasi f' dan il-kaz ta' allegat ritard fl-adempiment ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet kontrattati. In tema, hu pacifikament stabbilit f' bosta decizjonijiet illi l-kreditur ghandu jipprova l-inadempiment tad-debitur. Una volta jirnexxielu jaghmel dan, jaqa' mbaghad fuq id-debitur il-piz li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha hu ma kienx responsabbli. Jigifieri sta ghad-debitur li jipprova li hu ma kellux htija billi adopera d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur jitqies fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni. Ara a propozitu, fost ohrajn, sentenzi a **Vol. XXVII P I p 912**; **Vol. XXXVII P I p 197** u **Vol. XXXIX P II p 585**;

(4) Is-suesposti konsiderazzjonijiet ghandhom il-fondament taghhom fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 1125, 1130 (1), 1132 u 1133 tal-Kodici Civili u l-orjentamenti ermenewtici rikavat minnhom;

Fl-ambitu tal-predetti osservazzjonijiet, isegwi li din il-Qorti ma tistax tikkondividi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti illi s-socjeta` attrici kienet gravata li tipprova li d-dewmien kien ingustifikat. Kif gja ravvizat, l-oneru nkombenti fuq is-socjeta` appellanti kien dak li tipprova l-fatt tad-dewmien fl-ezekuzzjoni oltre t-terminu kontrattwalment stipulat. Hu dan il-fatt provat li jgib l-inadempjenza ta' l-obbligazzjoni u allura tal-htija fil-konvenut in kwantu din tinsab insita fl-inadempjenza innifisha. In virtu tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula stava ghall-parti inadempjenti li ggib gustifikazzjoni li d-dewmien kien ir-rizultat ta' xi kaz fortuwitu jew il-forza maggur jew xi raguni ohra ta' ezenzjoni mir-responsabilita`. Dan hu sew indott mill-

ezami ta’ l-Artikolu 1133 u l-Artikolu segwenti 1134, Kodici Civili, li jsemmi specifikatament il-forza magguri u l-kaz fortuwitu;

Dak li forsi jista’ jinghad fi zgur hu l-fatt illi kif korrettement konstatat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ma saretx il-prova da parte tas-socjeta` appellanti illi d-dewmien tal-konvenut kien il-fattur determinanti fir-ritard tat-tlestija tal-progett;

Ferma din ir-riflessjoni, il-kwestjoni bejn il-kontendenti relattivament ghal kap devolut lil din il-Qorti hi dik jekk il-provi processwali jwasslux biex isostnu t-tezi tas-socjeta` appellanti dwar l-allegata trasgressjoni ta’ dover da parti tal-konvenut konducenti ghall-kolpa kontrattwali tieghu, u allura wkoll ghad-danni rizultanti, jew invece dawk l-istess provi ghandhomx jissuffragaw il-linja difensjonali tal-konvenut illi ebda htija ma ghandha tigi attribwita lilu ghad-dewmien;

Adoperat il-metru oggettiv tal-valutazzjoni tal-provi din il-Qorti ssib li jezistu elementi li jissuggerixxu li kien hemm da parte tal-konvenut ksur tat-terminu kontrattwali ta’ adempiment destinat biex jirregola z-zmien tal-prestazzjoni. Dan jemergi mix-xhieda ta’ Andrew Jaccarini, *quantity surveyor* mal-kumpanija attirci (fol. 11 u fol. 39), Mohammed Anwar (fol. 38) u AIC David Camilleri (fol. 41). Din il-prova *ut sic* ma tibbastax pero` biex tirrendi awtomatikament lill-konvenut passibbli ghad-danni. Il-versjoni tas-socjeta` attrici appellanti tidher sew kontrastata mill-konvenut li jgib b’ difiza u gustifikazzjoni l-impossibilita` oggettiva tal-prestazzjoni fiz-zmien pattwit ghal ragunijiet varji li fuqhom ma kellux kontroll; *inter alia,* perkolazzjoni ta’ l-ilma fis-sit u l-fatt li fil-mument meta ffirma l-kuntratt l-iskavar, responsabilita` tas-socjeta` attrici, ma kienx ghadu kompletat. Aktar fundamentali minn dawn pero` hija l-asserzjoni tieghu illi da parte tas-socjeta` appellanti kien hemm ukoll inadempjenza ta’ l-obbligazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-hlas tax-xoghol ezegwit. Inadempjenza li skond il-konvenut appellat (fol.

51) fixklitlu l-progess tal-prestazzjoni tieghu. Fi kliem iehor il-konvenut issolleva b’ difiza l-eccezzjoni “*inadempleti contractus*”;

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**”, Qorti Civili, Prim’ Awla, 11 ta’ Otturbu 1966, per l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran, illi “r-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (1) l-inadempjenza ta’ l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim, (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur, u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet”. F’ dan, l-gharef gudikant kien qed isegwi l-insenjament tal-Qorti ta’ l-Appell, Sede Kummercjali, fil-kawza fl-ismijiet “**Emmanuele Aquilina -vs- Salvatore Aquilina *et***”, 12 ta’ Marzu 1965 (**Vol. XLIX P I p 518**);

Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, una volta ma ngiebet l-ebda zmentita jew prova kontrarja da parti tas-socjeta` appellanti, dawn ir-rekwiziti jirrikorru fil-kaz prezenti. M’ hemmx kwestjoni illi s-socjeta` appellanti kienet fi htija jekk naqset li tonora l-obbligazzjoni taghha tal-pagamenti kif preskritt fil-kuntratt. Kuntratt dan sinallagmatiku, bi prestazzjonijiet reciproci;

Jinsab spjegat mill-**Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (27 ta’ Settembru 1999, numru 10668)** illi, “*nei contratti con prestazioni corrispettive, ove una delle parti giustifichi la propria inadempienza con l’ inadempimento dell’ altra, il giudice deve procedere alla valutazione comparativa dei comportamenti, tenendo conto non solo dell’ elemento cronologico ma anche e soprattutto dei rapporti di proporzionalita` e corrispettivita` esistente tra le prestazioni inadempiute, per stabilire se l’ inadempimento o la prospettiva di inadempimento di una parte giustifichi il rifiuto di esecuzione della prestazione dovuta dall’ altra; a tal fine il giudice non deve avere riguardo alle sole obbligazioni principali dedotte in contratto (e cioe`, nell’ appalto, il pagamento del compenso, per il committente ed il compimento dell’ opera, per l’ appaltatore), ma anche*

*a quelle secondarie cui le parti, nell' esplicamento delle lore autonimie contrattuale, abbiano attribuito carattere di essenzialita` sul piano sinallagmatico*";

Certament ghall-konvenut kien ta' vitali importanza li hu jithallas skond it-termini u modalita` tal-ftehim biex ikun f' qaghda li jhallas lill-impjegati tieghu u b' hekk ix-xoghol jitkompla u ma jaqax lura. Jidher li dan il-patt kien essenzjali ghas-sottokuntratturi l-ohra wkoll tant li skond il-kommittenti Carmelo Micallef (fol. 23) dawn kienu jilmentaw mieghu li ma kienux qed jigu mhallsa. Huwa wkoll evidenzjat mill-fatt illi fil-kaz prezenti fit-terminazzjoni tas-sub-appalt il-konvenut kien ghad baqalu somma kospikwa x' jithallas, tant li kellu jirrikorri ghall-azzjoni gudizzjarja ghall-skop ta' hlas;

Kif jinsab deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Celestino Muscat -vs- Giovanni Attard *et***", Appell Civili, 3 ta' Gunju 1938 (**Kollez. Vol. XXX P I p 155**), "il-principju '*inademplenti non est ademplendum*' huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra";

Fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt fuq maghmula din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddissenti mill-konkluzjoni tal-Qorti nferjuri.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------